# 400 Sena mit-twelid ta' Girgor Bonici

*Il-Kanonku Dun Joe Abela*



## Familja Rinomata

Nhar it-18 ta' Marzu 1612, twieled fl-Imdina Girgor Bonici, l-akbar benefattur tal-knisja parrokkjali preżenti tagħna. Il-ġenituri tiegħu kienu Gio Maria Bonici u Margerita, imwielda Camenzuli. Kien imnissel minn familja rinomata, li kienet taf il-bidu tagħha sa minn Giovanni Bonici li fis-seklu 15 kien jgħix f'Għawdex. *Fost l-antenati tiegħu nsemmu lil* Giacomo Bonici, prokuratur tal-knisja qadima ta' Santa Katarina, magħrufa bħala ta' San Girgor, fiż-Żejtun. Familjari ħafna mal-istess knisja kien Ugolin Bonici, li għalih kien, bosta snin wara, imsemmi Dun Ugolin Bonici, il-kappillan li beda l-bini tal-knisja parrokkjali preżenti tagħna fl-1692. Teodora Bonici, li fl-1627 iżżewġet lill-magħruf Giacomo Testaferrata de Robertis, kienet proprju oħt Girgor Bonici. Fra Baldassare Cagliares, li tliet snin wara t-twelid ta' Girgor inħatar Isqof ta' Malta, kien il-parrinu tiegħu fis-Sagrament tal-Magħmudija. Naħseb dan it-tagħrif hu biżżejjed biex jurina f'liema familja twieled Girgor Bonici.

## Familja Sinjura

Il-familja tiegħu kienet tippossiedi artijiet vasti u palazzi sbieħ f'bosta parroċċi ta' Malta, l-aktar importanti sintendi fl-Imdina, il-belt kapitali qadima ta' Malta, fil-Belt Valletta, il-belt kapitali ġdida, fil-Birgu, iċ-ċentru marittimu fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u wkoll, għala le, fiż-Żejtun, li allura kien raħal imdawwar bis-sbuħija u l-ħdura tal-kampanja Maltija, qabel beda l-bini sfrenat tas-snin ta' wara. Fil-fatt minn din ir-rikkezza u l-ġid kellhom igawdu mhux ftit kemm il-parroċċa tal-Birgu, il-knisja tal-Patrijiet Tereżjani f'Bormla u l-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Iżda jien ċert li l-aktar li gawdew kienu ż-Żwieten. Biżżejjed inħarsu lejn il-monument kapolavur ta' Lorenzo Gafà, il-knisja tagħna, il-pjazez li jdawruha minn kull naħa, l-għira ta' nies minn parroċċi oħra, il-kappella storika ta' Sant'Anġ, il-palazz Aedes Danielis, djar sbieħ oħra fi Triq Luqa Briffa u fi Triq M'Xlokk, knejjes u djar f'M'Xlokk, li kien għadu parti miż-Żejtun, u l-kappella ta' San Ġorġ, f'Birżebbuġa u nħawi, li bħal M'Xlokk kienet ukoll għadha tagħmel maż-Żejtun. Biex ma nsemmux il-kappella li ġiet imwaqqgħa meta s-servizzi Ingliżi riedu jibnu l-mitjar għall-ajruplani.

## Kjeriku miżżewweġ

*Meta kellu 12-il sena Girgor Bonici rċieva* t-tonsura mill-Isqof Cagliares, u allura sar parti mill-kleru Malti, għalkemm mhux saċerdot. In-nobbli Maltin kienu jagħmlu hekk biex jaħarbu mill-ġurisdizzjoni tal-Gran Mastru u joqogħdu taħt is-setgħa tal-Knisja. Fil-fatt ħafna minnhom aktar tard kienu jiżżewġu, kif fil-fatt għamel Girgor Bonici. Sintendi iżda, kien ikollhom xi dmirijiet li jwettqu fil-Knisja. Nhar il-25 ta' Novembru 1646, proprju fil-jum iddedikat lil Santa Katarina, Girgor Bonici żżewweġ lin-nobbli Elena Barbara fil-Birgu, fejn id-devozzjoni lejn Santa Katarina kienet antika. Il-Kavallieri, qabel ma bnew il-Belt Valletta, kellhom arazzi bil-ħajja ta' Santa Katarina fil-Birgu fejn qagħdu kif ġew Malta fl-1530. Sfortunatament dawn l-arazzi prezzjużi kienu nqerdu fi ħruq. Fil-Birgu kien hemm ukoll fratellanza ta' Santa Katarina, u sal-lum għad hemm fil-knisja ta' San Lawrenz altar u statwa tagħha.



**Girgor Bonici**

**Ħakem tal-Imdina**

Fis-sena 1653 kien diġà ambaxxatur tal-Kunsill Popolari Malti ġewwa Licata fi Sqallija. Propju għalhekk it-triq li tmiss mal-kappella ta' *Sant'Anġlu Martri, mibnija minn Girgor* Bonici, jisimha Triq Licata. Il-Kunsill Popolari Malti tal-Imdina kien speċi ta' gvern Malti b'ċerti responsabbiltajiet ferm limitati. F'din il-kariga Girgor kellu l-inkarigu importanti li jibgħat il-qamħ minn Sqallija lejn Malta. Fl-1654-55, meta allura kellu 42 sena, Girgor ġie magħżul bħala ħakem tal-Imdina. Din ta' ħakem kienet *l-aktar* pożizzjoni *għolja li Malti seta'* jilħaq f'dawk iż-żminijiet - sinjal aktar ċar tal-fiduċja li Girgor Bonici kien igawdi fost il-Maltin ma jistax ikollna!

Aħna żguri li fis-sena 1659 kienet diġà bdiet ir-rabta tiegħu maż-Żejtun, għaliex f'dik is-sena kien jieħu ħsieb, flimkien ma' oħtu Teodora, il-kappella ta' San Ġakbu f'San Girgor, bħala eredi ta' Ugolin Bonici. Il-popolarità tiegħu fost iż-Żwieten tidher ukoll min-numru kbir ta' filjozzi li tagħhom hu kien jagħmel parrinu fil-Griżma tal-Isqof. Meta l-Gran Mastru Nikol Cottoner għamel taxxa fuq ir-raba' u l-bini tal-Knisja, għaliex ried jibni s-swar tal-Kottonera, Girgor ġie magħżul jitla' Ruma biex, f'isem il-Maltin, jipprotesta kontra t-taxxa li l-poplu ma kienx jiflaħ għaliha.

**Il-Kappella ta' Sant'Anġ Martri**

F'Licata, Girgor Bonici kien sar devot ta' Sant'Anġ Martri (ma nħalltuhx mal-Anġlu Kustodju). Kien propju f'Licata li, kif jingħad, dan il-qaddis Karmelitan kien ħa l-martirju. Il-festa ta' dan il-qaddis kienet issir nhar il-5 ta' Mejju. Allura fiż-Żejtun Girgor Bonici bena l-kappella dedikata lil Sant'Anġ Martri fis-sena 1670, aktar minn 20 sena qabel bdiet tinbena l-knisja parrokkjali tal-lum. Il-kappella ta' Sant'Anġ Martri ġiet imbierka minn Dun Pietru Axiaq, kappillan tal-Birgu. Ma damitx din il-kappella ma ssir l-aktar knisja importanti fiż-Żejtun wara dik ta' *San Girgor*.

Il-kwadru ewlieni ta' din il-kappella kien impitter minn wieħed mill-aħjar artisti li żejnu l-knejjes Maltin – Ġużeppi d'Arena. Girgor tant kien iħobb din il-kappella li ried li jindifen fiha, kif fil-fatt sar. Sadattant hu ngħata t-titlu ta' Potrizju Ruman mis-Senat ta' Ruma fl-1674. Ftit snin wara hu bena mill-ġdid il-kappella ta' San Ġorġ f'Birżebbuġa li kienet għoddha waqgħet. Madankollu ma jidhirx li hu kien ħalla l-Birgu fejn jidher li kien għadu jabita fis-sena 1685. Wisq probabbli li Girgor Bonici għadda fiż-Żejtun biss l-aħħar snin ta' ħajtu. Wara l-1685 ismu ma jidhirx aktar fil-Berġa u għalhekk jidher li f'dik is-sena, jew forsi ftit wara, hu ġie joqgħod *fiż-Żejtun, fil-palazz* Aedes Danielis. Fis-sena 1687 hu diġà kellu 75 sena.

**Donatur tal-art**

Ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun inbeda fl-1692. Dokumenti importanti juruna kemm l-għajnuna ta' Girgor Bonici kienet indispensabbli għall-bini ta' din *il-knisja. Kien hu li nhar it-3 ta' Ġunju 1693, ta* l-art fejn illum għandna din il-knisja parrokkjali tagħna, flimkien mat-tliet pjazez li jdawruha! Din l-art kollha hu kien xtraha mingħand l-eredi ta' Duminku Micallef. Jingħad ċar u tond li din il-biċċa kbira ta' art kienet tinsab bejn l-irħula ta' Bisbut u Bisqallin. Kien il-famuż arkitett Lorenzo Gafà li ħejja l-pjanta ta' din il-knisja, li l-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet mill-Isqof Davide Cocco Palmieri nhar il-25 ta' Novembru 1692, festa ta' Santa Katarina V.M. Bonici rriżerva d-dritt għalih u għall-membri tal-familja tiegħu li jkollhom qabar fil-knisja l-ġdida. Nhar id-9 ta' Mejju 1697, meta hu ħass il-mewt viċina, hu għamel it-testment famuż tiegħu.

**Testment favur il-Knisja taż-Żejtun**

Dan it-testment sigriet infetaħ fl-24 ta' Mejju 1697, tmint ijiem wara l-mewt ta' Girgor Bonici. Hu testment twil ġmielu, fih 16-il folja! Dan it-testment hu miktub parti bil-Latin, u parti bit-Taljan. Girgor jibda billi jirrikmanda ruħu lil Alla u jiddisponi kif għandu jsir il-funeral tiegħu. Martu Elena kellha ssir l-użufruttwarja tal-ġid tiegħu. Hi kellha tikkontribwixxi minn ġidha għall-bini tal-knisja l-ġdida. Wara l-mewt ta' Elena Bonici, ir-renti tal-ġid kollu ta' Girgor, barra Aedes Danielis, kellhom jgħaddu għall-bini tal-knisja l-ġdida sa 25 sena. Jekk sa 25 sena l-knisja tkun għadha ma tlestietx, ir-renti jibqgħu jingħataw lill-knisja sa 5 snin oħra. Girgor ħalla xi piżijiet, li ma jidhrux *kbar ħdejn il-benefiċċji enormi li ta lill-knisja* parrokkjali tagħna. Hekk, il-prokuraturi kellhom jagħtuh l-aħjar altar, dak ta' San Girgor, fil-knisja l-ġdida, mantenut bi spejjeż tagħhom. Fuq dan l-altar kellha ssir kull sena, nhar Lapsi, quddiesa kantata għal ruħu. Kellha tingħata għajnuna għall-foqra; lanqas ma nesa lill-Maltin li kienu waqgħu lsiera f'idejn il-furbani. X'imħabba kbira kellu Girgor Bonici għaż-Żwieten! L-imgħallem Xandru Pulis, minn Bisqallin, kellu jiġi inkarigat mill-bini tal-knisja l-ġdida.

**Pittura ta' Girgor Bonici**

Il-knisja ma tantx damet biex bdiet iddaħħal ir-renti meħtieġa għaliex Elena Bonici mietet biss tliet snin wara l-mewt ta' żewġha Girgor. Ta' Girgor għandna fil-Mużew tifkira eċċellenti: pittura tiegħu meta kellu xi 77 sena. Barra minn hekk, fl-1992, tqiegħdet irħama fis-sagristija li tfakkar lilu. Iż-Żwieten kienu jsejħu lil Girgor, kif rappreżentat f'dan il-kwadru, bħala "Is-Sinjur l-Ixheb", b'riferenza għall-kulur ta' wiċċu. Jidher li l-pittur anonimu ta' dan il-kwadru kien influwenzat mill-arti ta' Jusepe Ribera.

Żgur li Girgor Bonici kien l-akbar benefattur tal-knisja parrokkjali preżenti tagħna, iżda dan ma jfissirx li ma kienx hemm benefatturi kbar oħra, fosthom Tumas Abela, ħu Dun Salv Abela li mhux biss kien l-ixjeħ saċerdot Żejtun meta tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja, iżda li kien serva wkoll fil-knisja l-qadima ta' San Girgor. Dun Ugolin Bonici, il-kappillan taż-Żejtuni fis-sena 1692, kien jiġi minn Girgor Bonici, u jista' jkun li kien hu li ħajru jagħmel din id-donazzjoni kbira favur il-knisja tagħna.

F'din is-sena, 2012, qegħdin mela nfakkru għeluq l-400 sena mit-twelid tan-nobbli Girgor Bonici, il-ħakem tal-Imdina u l-akbar benefattur tal-knisja parrokkjali preżenti tagħna. Mhux ta' b'xejn li waħda mill-pjazez ewlenin tal-belt tagħna ġiet imsemmija għalih.

Żuru l-website **http://www.maltain360.com/**
fejn issibu artikli u filmati interessanti fuq bini storiku fiż-Żejtun.


**Brownrigg supplies & services**

*importers & suppliers of:*

- Electrical cables
- XLPE armoured cables
- Conduit pipes & fittings
- Cable glands & lugs
- Hot-dip galvanised cable tray
- Wiring accessories
- Industrial light fittings
- Industrial sockets & plugs
- Heat shrink sleeves
- Single & 3 phase elec. Meters
- Water meters
- Anchor bolts, bolts, nuts & washers
- Crane pipe fittings
- Galvanised & black pipes
- PVC pipes, valves & fittings
- Valves & pressure gauges
- Pressure reduce valves
- Flanges & gaskets
- Class '0' fibre glass insulation
- Seamless pipes & weldable fittings
- Stainless steel valves
- Brass water fittings
- Steam traps & Sight glasses
- Pipe supports and channels

Electrical & Mechanical Industrial Products

VAN LEEUWEN BUIZEN EFFAST BUGATTI VALVES & FITTINGS GREENINGS CRANE

Offices & Stores: 16/18. Flagstone Wharf, Marsa HMR 12
Tel: 21 222568, 21 252167, 9942 7379 Fax: 21 220711 email: brownrig@maltanet.net
website: brownriggsupplies.com